# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt
FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 24-15

**Data:** 19 ta' Novembru 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ottubru 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura

Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Chris Bruno

3. **Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 23.15);**

Punt 5.4 – Is-Sinjura Sindku għarrfet lill-Kunsill illi fuq gwida tat-TM ser ikunu qegħdin jiżdiedu is-sinjali tat-traffiku ġewwa Triq Sir Agostino Portelli

Punt 4.8 - Is-Sinjura Chircop infurmat lill-Kunsill fuq is-sejħa ta' skrivan/a ġdid/a ġewwa il-Kunsill tal-Kalkara biex ikun hemm sostituzzjoni tas-Sinjura DeGiovanni li ser tkun qed tispiċċa bil-penzjoni. Il-proċedura għaddejja flimkien ma l-ETC kif inhu mitlub skond ir-regoli fi ħdan impjieg ġdid u aktar il-quddiem ser ikunu qegħdin isiru intervisti kif inhu mistħoqq.

Is-Sinjura Sultana issuġeriet li għandha tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lis- Sinjura DeGiovanni f'isem il-Kunsilliera tax-xogħol siewi li għamlet f'dawn l-aħħar snin kif ukoll jinxtara rigal xieraq.

Punt 5.5 – Is-Sinjura Chircop infurmat lill-Kunsill bi ftehim li ntlaħaq mal-Każin tal-Banda li ser ikun qed jgħati l-Kunċert ta' Jum il-Kalkara għas-Sena 2015 wara il-laqgħa informali li saret ġewwa il-Kunsill aktar kmieni dan ix-xahar. Il-Kunsill ser ikun qiegħed iħallas spejjeż żejda li matul is- snin inqalaw biex b'hekk l-ispejjeż tal-Bandisti jiġu koperti. Dan l-arranġament ser ikun qiegħed jintniżżel biex b'hekk iż-żewġ Każini jkunu infurmati u fis snin li ġejjijn ma tgħoliex il-kwota ta' l-istess kunċert.

4. **Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar is-sħubija u bħala Kunsill x'jistgħa jiggwadanja jekk jissieħeb u jsir membru fil-GAL Xlokk. Dan is-suġġett kien diġa ġie diskuss f'Seduta li kienet saret aktar kmieni din is-sena.

Il-Kunsill qabel unanimamet illi għandu jissieħeb mal-GAL Xlokk, iħallas is-sħubija ta' €500 għal kull Kunsillier kif ukoll jissottometti proġett minn ta' l-ewwel biex jisebbaħ il-Lokal tagħna bi pjanti ġodda kif ukoll jiġu irranġati il-ħitan tas-sejjieħ ġewwa il-Lokal.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill suġġeriment li irċieva il-Kunsill fuq parkeġġi ġodda fl-inħawi tal-Knisja tal-Kapuċċini minħabba il fatt illi qed ikun hemm tgeġwiġija ta' karozzi ipparkjati fil-ħinijiet tal-Quddies kif ukoll fil ħin tal-Mużew.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandhom isiru parkeġġi għal konvenjenza tan nies biex b'hekk jitnaqqas l-iskariġġ li wieħed jaf isib ruħu fih minħabba li m'hemmx indikazzjoni ta' kif wieħed għandu jipparkja f'dawn l-inħawi.

4.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi fil-25 ta' Novembru ser inkunu qegħdin nilqgħu 20 student mill-'YOUTH CHOGM' ġewwa il-Lokalita tal-Kalkara fejn dawn ser ikunu qegħdin jagħmlu xi volontarjat ġewwa Ġnien il-Ġenista wara li kienet ikkordinata din l-attivita' is-Seg.Eżek.

Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera biex minn ikun jista jingħaqad magħha ħdejn il-Bajja tar-Rnella fis-2:00pm biex jilqgħu dawn iż-Żgħażagħ mal-wasla tagħhom qabel jibda ix-xogħol volontarju ġewwa Ġnien il-Ġenista.

4.4 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet mingħand persuna li kienet qed tistaqsi il-Kunsill permess biex jitwaħħlu reklami ġewwa il-lokal.

Il-Kunsill oġġezzjona għal darb'oħra rikjesta' ta' riklamar ġewwa il-lokalita' kif diġa kien ġie deċiż f'Seduta li kienet saret aktar kmieni din is-sena fejn kien hemm l-istess talba minn kumpanija ta' riklamar differenti minn din imsemmija hawn fuq.

4.5 Is-Sindku talbet lill-Kunsill jieħu nota ta' laqgħa li ser issir fid-9 ta' Diċembru ġewwa il-Kunsill stess rigward il-proġett kapitali tax-Xatt, fejn il-Konsulent Dr.Malcolm Borg ser ikun qiegħed jippreżenta u jispjega affarijiet tekniċi fuq l-istess proġett.

4.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċeviet minn għand resident ġewwa Triq Melchior de Roblers fejn qed jiġi mitlub illi l-iskip li hemm quddiem il- propjeta' tiegħu tiġi imneħħija / impoġġija f'post alternattiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-iskip għandha tiġi imressqa bi prova aktar il'fuq mill-post imsemmi minn dan ir-resident fejn m'hemmx aktar residenzi biex b'hekk ma 'ddejjaq lil ħadd. F'każ li ikun hemm aktar ilmenti dwar din l-iskip ser tkun qed tiġi imressqa għal darb'oħra ġewwa Triq Straubenzee.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill fuq email li 'rċeviet minn naħa tal-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp b'notifika fuq l-imwejjed u is- siġġiiet ta' 'Take Away' partikolari ġewwa Misraħ Arċisqof Gonzi fejn l-imwejjed ta' dan jaf ikun ta' deterent għal l-armar tal- festa minn ħabba il- fatt illi jiġu armati il-Plancier kif ukoll kolonna fl-istess sit.

Il-Kunsill qabel illi il-Festa tieħu prijorita' fuq permessi oħra u il-permessi ta' l-imwejjed u siġġijiet għal ġimgħa tal- festa għandhom jingħataw f'post alternattiv fil viċin tat-'Take Away' stess biex b'hekk ma' jinħolqux konflitti la fuq il-festa anqas fuq imwejjed u siġġijiet.

4.8 Is-Seg.Eżek infurmat il-Kunsill speċjalment lill-Kunsilliera Maria Sultana email li irċeviet mingħand is-Sur Noel Castillo il-persuna li tieħu ħsieb l-attivita' tal-Karnival ġewwa il-Kalkara 'mtella b'kordinazzjoni mal-Kunsilliera Maria Sultana.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat dak li kienet qalet f'Seduta preċedenti illi il-Kunsill ma jaffordjax jagħmel attivita' bħal dik, b'hekk jekk din l-attivita' trid tiġi imtella xorta b' għajnuna ta' Sponsors.

Il-Kunsilliera Maria Sultana ser tkun qed titkellem mas-Sur Castillo biex jaraw x'jistgħa jsir differenti biex forsi titnaqqas l-ispiża ta' l-attivita'.

4.9 Is-Seg. Eżek staqsiet formalment lill-Kunsilliera speċjalment lis-Sur Chris Bruno li huwa inkarigat miż-Żgħażagħ jekk il- Kunsill għadx għandu Kunsill taż-Żgħażagħ kif ukoll ambaxxatriċi minħabba il fatt illi kienu ilhom ma jiltaqgħu kif ukoll l-ambaxxatriċi kienet ilha ma tattendi għal laqgħat tal-Kunsill.

Is-Sur Chris Bruno spejga illi ħafna minnhom kienu għalqu l-eta' ta' 18 allura ma baqgħux jiltaqgħu daqstant. Is-Sur Bruno ser ikun qiegħed jikkonferma il-punti ta hawn fuq maż-Żgħażagħ stess involuti fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

4.10 Is-Sinjura Chircop għarrfet lill-Kunsill illi kif ġie rikjest mill-Uffċċju tal-Prim Ministru ser jiġi mixtri rigal ta' €250 lill-Majesta' tagħha ir-Reġina peres li kienet ser tiġi ġewwa il-Kalkara. Ir-rigal huwa bajda dekorattiva forma tal-Karozella li hija magħmula bl-idejn minn artista Kalkariża. Simili tar-rigal li kien ingħata lill-Prinċep fiż-żjara tiegħu Malta is-sena li għaddiet.

4.11 Is-Seg.Eżek. uriet ritratti ta karozzi, karrijiet ta' dgħajjes kif ukoll xi skart goff mitluq f'għalqa in-naħa ta' Triq il-Ħbit mill-Ajru. Il-Pulizija stess staqsa lill-Kunsill iridx jieħu passi u dawn l-inħawi jiġu imnaddfa.

Il-Kunsill issuġerixxa biex l-ewwel nett inkunu nafu din l-għalqa hiex waħda privata kif ukoll għandhom jibdew jiġu imneħħija il-karozzi bil-liċenzja skaduta kif ukoll skart ieħor goff mitluq f'dawn l-inħawi.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi kienet tkellmet mall-Kappillan rigward il-Kunċert tal-Milied li jsir kull sena f'Diċembru Il-Kappillan ikkonferma illi dan il-Kunċert ser ikun qed jiġi mtella nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru.

Is-Sindku issuġeriet lill-Kappillan illi il-ġabra li ssir waqt din l-attivita' għandha tingħata lill persuni fil-bzonn, fejn il-Kappillan ser ikun qiegħed itiha risposta aktar tard wara li din ir-rikjesta trid tiġi diskussa internament mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali.

Il-Kunsill qabel illi €600 għal dan il- Kunċert li joħroġ il-Kunsill biex din l-attivita' titella' huma ħafna u li s-sena id-dieħla trid tiġi irriveduta.

Is-Sur Chris Bruno issuġerixxa biex wieħed jitkellem mal-Kappillan biex b'hekk minflok flus jiġu mixtrijin bżonnijiet għal Kor Parrokkjali stess bħal 'Microphones' eċċ, u b'hekk il- Kunsill xorta jkun qiegħed jikkontribwixxi biex din l-attivita' titella.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

1. Is-Sur Bruno informa lill-Kunsill dwar opinjoni pożittiva li kien kiseb flimkien mas-Sur James Vella il-kordinatur tal- proġett pilota li diġa kienet saret l-ewwel sezzjoni lill- Kunsill tal-Kalkara, mingħand is-Seg. Parlamentari Dr. Stefan Buontempo.

L-istess Seg. Parlamentari ser ikun qiegħed jiggwida lis-Sur Bruno kif ukoll lis-Sur Vella il-futur ta' dan il-proġett biex b'hekk jitkomplu is- sezzjonijiet b'riżultati konkreti fuq dan ir- rigward.

Is-Sur Bruno staqsa lis-Sinjura Sultana tistax tispjega fid- dettal il-flyer li ser ikun qiegħed jitqassam ġewwa l-iskola ukoll barra f'kull residenza tal-Kalkara biex b'hekk it-tfal ikunu qegħdin jiġu imrawma fuq is- suġġett magħżul fis- sezzjoni li saret i.e. l-iskart fil-lokal.

Is-Sinjura Sultana talbet lil Chris Bruno biex jitkellem mas- Sur Vella biex jinħoloq xi tip ta' kwestjonarju għat- tfal minn 'Year 3' il- fuq biex b'hekk l-ispjega tal-flyer tkun waħda interattiva u aktar ta' suċċess.

### 6.2 Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana

- Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill jiċċekja ix-xogħol li qed isir ġewwa Triq Santa Filomena minħabba il fatt illi hemm hekk hemm 'high tensions' għaddejjin minn taħt l-art ukoll biex inkellmu il-kuntrattur li qiegħed jagħmel dan ix-xogħol fuq l-istorbju li qed jagħmlu il-planki ma' l-art li għamlu temporanjament biex il-karozzi ikunu jistgħu jgħaddu.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi kienet diġa tkellmet mal- kuntrattur rigward il- 'high tension' fit-triq imsemmija hawn fuq u ġabet konferma illi hu ser ikun qed jgħaddi il-komunikazzjonijiet minn taħt dan it-'tension' biex ma jkunx hemm l-ebda problemi wara li jiġi iffinalizat ix-xogħol minn naħa tiegħu.

- Is-Sinjura Sultana għarrfet il-Kunsill illi Żgħażugħ Voluntier Kalkariż is-Sur Christian Mizzi ħa it-Titlu taż-Żgħażugħ Voluntier tas-Sena biex bħala Kunsill intuh xi tip ta' rikonoxximent f'Jum il-Premjazzjoni fl-10 ta' Diċembru.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tiċċekja ftit mal-Pulizija rigward l-'iscrap yard' li hemm in- naħa ta' Triq Santu Rokku minhabba il fatt illi qed ikun hawn ħafna ilmenti minn għand ir-residenti fuq it-telqa li issa qegħda tagħmel minħabba li l-ammont ta' karozzi mormija huma ħafna u qed jidhru minn ħafna bnadi fil-Kalkara.

**Il-Kunsillier Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti lill- Kunsill rigward Jum il-Kalkara 2015**

1. Is-Sur Bongailas wera lill-Kunsill 'draft' tal-fuljett li ser ikun qiegħed jinħareġ aktar tard fix-xahar ta' Diċembru lir-residenti Kalkariżi kollha.

2. Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill illi għal din is-sena il-fuljett li is-soltu jiġi ipprintjat minn stampatur professjonali biex jitqassam waqt il-Kunċert ta' Jum il- Kalkara ser ikun qiegħed jiġi ipprintjat normali mill-Kunsill biex b'hekk titnaqqas l-ispiża ta' dawn il- fuljetti.

3. Is-Sur Bongailas talab il-Kunsilliera jifthemu waqt din is-Seduta minn ser ikun qiegħed jaqra u jtella' l-offerti fil-Quddies ta' Jum il-Kalkara 2015.

Ġie deċiż illi:

- Is-Sinjura Sindku ser tkun qed taqra flimkien mal-Kunsilliera Maria Sultana

- Il-Viċi Sindku ser ikun qiegħed itella' l-offerti flimkien mal-Kunsilliera Pawlu Bongailas u Vince Bongailas.

- Is-Sur Bongailas informa lill-Kunsill bl-ismijiet li ġew proponuti mis-Sotto Kumitat Ġieħ u Unur il-Kalkara.

Dawn huma:

Il-Kavallier Anthony Ventura u Dun Spir Tabone għal Ġieħ il-Kalkara
Andrew Cohen għal Unur il-Kalkara

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn in-nies proposti hawn fuq għandhom jieħdu dawn it-Titli għas- sena 2015.

Ġie ukoll issuġerit mis-Sotto Kumitat illi minħabba il fatt illi Dun Spir Tabone qiegħed rikoverat id- Dar tal-Kleru il-Ġieħ il-Kalkara għandu jingħatalu fejn qiegħed rikoverat qabel is-serata biex neliminaw kull inkonvenjent possibli. Ser ikun qiegħed jittieħed video waqt li jingħata il-premju sabiex fis- serata jintwera lin-nies preżenti fis-sala.

Is-Sur Bongailas bħala 'Chairman' tas-Sotto Kumitat ser ikun qiegħed jagħmel l-arranġamenti hu biex b'hekk Ġieħ il-Kalkara jingħata fiż- żmien qarib.

Il-Kunsill qabel unanimament illi m'għandux għalfejn jingħata Ġieħ doppju kull sena bħal ma sar fis-sentejn li għaddew sa kemm ma jkunx każ speċjali.

4. Is-Sur Bongailas flimkien mal-Kunsilliera ikkongrata lis-Seg. Eżek. tal-kisba tad-Diploma li ġabet aktar kmieni din is-sena fil-kors li hija kienet għamlet matul din l-aħħar sena.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**